2024/1694

13.6.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1694

tat-12 ta' Ġunju 2024

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li sabiex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom sabiex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew territorji jew taż-żoni tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u tal-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar erba' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fl-istati ta' Iowa (2) u Minnesota (2), li ġew ikkonfermati bejn it-28 ta' Mejju 2024 u t-3 ta' Ġunju 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Wara dawk it-tifqigħat reċenti tal-HPAI, l-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti stabbiliet żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentat politika ta' qerda biex tikkontrolla l-preżenza tal-HPAI u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) L-Istati Uniti ressqu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u dwar il-miżuri li ħadu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI bħala segwitu għat-tifqigħat riċenti fl-Istati ta' Iowa u Minnesota.

(8) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti, jenħtieġ li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat riċenti fl-Istati ta' Iowa u Minnesota, sabiex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(9) Barra minn hekk, il-Kanada u l-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(10) Il-Kanada ssottomettiet informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta maż-żewġ tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-provinċji ta' British Columbia u Nova Scotia, li ġew ikkonfermati bejn it-13 ta' Diċembru 2023 u t-2 ta' Frar 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(11) L-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta mad-19-il tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' California (9), Florida (1), Idaho (1), Michigan (1), Missouri (1), New York (1), North Dakota (2), South Dakota (2) u Washington (1), li ġew ikkonfermati bejn is-27 ta' Novembru 2023 u l-15 ta' April 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(12) Il-Kanada u l-Istati Uniti wkoll issottomettew informazzjoni dwar il-miżuri li ħadu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara t-tifqigħat tal-HPAI, il-Kanada u l-Istati Uniti implimentaw politika ta' qerda sabiex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' din il-marda, u lestew ukoll ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfezzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettat fit-territorji tagħhom.

(13) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Kanada u mill-Istati Uniti, u jidhrilha li pprovdew garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji ta' ċerti prodotti fl-Unjoni miż-żoni kkonċernati f'dawk il-pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex ta' theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni kkonċernati tal-Kanada u tal-Istati Uniti li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fl-Istati Uniti u fil-Kanada.

(15) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada u mal-Istati Uniti, jenħtieġ li l-emendi li għandhom isiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament isiru effettivi bħala kwistjoni ta' urġenza.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.228 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.228	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		13.12.2023	29.5.2024"

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.232 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.232	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		2.2.2024	29.5.2024"

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.547 u US-2.548 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.547	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		27.11.2023	1.6.2024
	US-2.548		N, P1		30.11.2023	1.6.2024"

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.550 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.550	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		29.11.2023	2.5.2024"

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.560 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.560	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		6.12.2023	1.6.2024"

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.574 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.574	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		7.12.2023	19.5.2024"

(vii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.579 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.579	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.12.2023	13.5.2024"

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.585 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.585	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		15.12.2023	14.5.2024"

(ix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.589, US-2.590 u US-2.591 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.589	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		18.12.2023	1.6.2024
	US-2.590		N, P1		18.12.2023	1.6.2024
	US-2.591		N, P1		19.12.2023	1.6.2024"

(x) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.593 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.593	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		19.12.2023	16.5.2024"

(xi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.597 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.597	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		20.12.2023	18.5.2024"

(xii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.603 u US-2.604 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.603	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.11.2023	1.6.2024
	US-2.604		N, P1		28.11.2023	1.6.2024"

(xiii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.607 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.607	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.12.2023	28.5.2024"

(xiv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.609 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.609	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		3.1.2024	1.6.2024"

(xv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.625 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.625	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		9.2.2024	1.5.2024"

(xvi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.632 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.632	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.3.2024	5.5.2024"

(xvii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.638 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.638	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		15.4.2024	17.5.2024"

(xviii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.656 sa US-2.659 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.655:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.656	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.5.2024	
	US-2.657		N, P1		3.6.2024	
	US-2.658		N, P1		29.5.2024	
	US-2.659		N, P1		31.5.2024"	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.656 sa US-2.659 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.655:

"L-Istati Uniti	US-2.656	State of Iowa Sioux 02 Sioux County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 96.2343464°W 43.1420431°N)
	US-2.657	State of Iowa Cherokee 04 Cherokee County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 95.5047457°W 42.7160288°N)
	US-2.658	State of Minnesota Stearns 20 Stearns County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.7452009°W 45.6150057°N)
	US-2.659	State of Minnesota Stearns 21 Stearns County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.7652885°W 45.6366057°N)"

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.228 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.228	POU, RAT	N, P1		13.12.2023	29.5.2024
		GBM	P1		13.12.2023	29.5.2024"

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.232 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.232	POU, RAT	N, P1		2.2.2024	29.5.2024
		GBM	P1		2.2.2024	29.5.2024"

(c) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.547 u US-2.548 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.547	POU, RAT	N, P1		27.11.2023	1.6.2024
		GBM	P1		27.11.2023	1.6.2024
	US-2.548	POU, RAT	N, P1		30.11.2023	1.6.2024
		GBM	P1		30.11.2023	1.6.2024"

(d) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.550 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.550	POU, RAT	N, P1		29.11.2023	2.5.2024
		GBM	P1		29.11.2023	2.5.2024"

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.560 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.560	POU, RAT	N, P1		6.12.2023	1.6.2024
		GBM	P1		6.12.2023	1.6.2024"

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.574 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.574	POU, RAT	N, P1		7.12.2023	19.5.2024
		GBM	P1		7.12.2023	19.5.2024"

(g) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.579 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.579	POU, RAT	N, P1		12.12.2023	13.5.2024
		GBM	P1		12.12.2023	13.5.2024"

(h) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.585 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.585	POU, RAT	N, P1		15.12.2023	14.5.2024
		GBM	P1		15.12.2023	14.5.2024"

(i) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.589, US-2.590 u US-2.591 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.589	POU, RAT	N, P1		18.12.2023	1.6.2024
		GBM	P1		18.12.2023	1.6.2024
	US-2.590	POU, RAT	N, P1		18.12.2023	1.6.2024
		GBM	P1		18.12.2023	1.6.2024
	US-2.591	POU, RAT	N, P1		19.12.2023	1.6.2024
		GBM	P1		19.12.2023	1.6.2024"

(j) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.593 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.593	POU, RAT	N, P1		19.12.2023	16.5.2024
		GBM	P1		19.12.2023	16.5.2024"

(k) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.597 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.597	POU, RAT	N, P1		20.12.2023	18.5.2024
		GBM	P1		20.12.2023	18.5.2024"

(l) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.603 u US-2.604 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.603	POU, RAT	N, P1		28.11.2023	1.6.2024
		GBM	P1		28.11.2023	1.6.2024
	US-2.604	POU, RAT	N, P1		28.11.2023	1.6.2024
		GBM	P1		28.11.2023	1.6.2024"

(m) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.607 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.607	POU, RAT	N, P1		28.12.2023	28.5.2024
		GBM	P1		28.12.2023	28.5.2024"

(n) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.609 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.609	POU, RAT	N, P1		3.1.2024	1.6.2024
		GBM	P1		3.1.2024	1.6.2024"

(o) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.625 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.625	POU, RAT	N, P1		9.2.2024	1.5.2024
		GBM	P1		9.2.2024	1.5.2024"

(p) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.632 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.632	POU, RAT	N, P1		12.3.2024	5.5.2024
		GBM	P1		12.3.2024	5.5.2024"

(q) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.638 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.638	POU, RAT	N, P1		15.4.2024	17.5.2024
		GBM	P1		15.4.2024	17.5.2024"

(r) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.656 sa US-2.659 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.655:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.656	POU, RAT	N, P1		28.5.2024	
		GBM	P1		28.5.2024	
	US-2.657	POU, RAT	N, P1		3.6.2024	
		GBM	P1		3.6.2024	
	US-2.658	POU, RAT	N, P1		29.5.2024	
		GBM	P1		29.5.2024	
	US-2.659	POU, RAT	N, P1		31.5.2024	
		GBM	P1		31.5.2024"	